MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2005

Numru. 828/2004

**Pulizija (Spettur Anthony Portelli)**
**vs**
**Veronique Borg Costanzi**

**Il-Qorti, rat l-imputazzjonijiet maghmula kontra Veronique Borg Costanzi ta' 41 sena bint Victor u Maria Carmela nee Dingli mwielda Floriana fl-10.01.1963 u residenti fil-fond Micheala Triq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, ID 32264M.**

**Akkuzata talli fin-Naxxar u f'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Gunju 2004 u fil-jiem ta' qabel b'diversi atti maghmulin ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:**

**Ghamlet uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet**

**haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-esistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji jew sabiex tqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' iktar minn hamsin lira Maltija (LM50) izda inqas minn hames mitt lira Maltija (Lm500) ghad-detriment ta' Krypton Chemist Ltd, Paul Calleja, Julian Bonello, Emanuel Sammut, John Chetcuti, Victor Bonavia u Joseph Grima;**

**Akkuzata wkoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi bi hsara ta' haddiehor, ghamlet xi qliegh iehor b'qerq fl-ammont ta' iktar minn hamsin lira Maltija (Lm50) izda inqas minn hames mitt lira Maltija (LM500).**

**Akkuzata wkoll talli ghamlet falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil jew fil-firem, billi holqot pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloq jew helsien falz minn obbligi jew billi haddhlet dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l–atti jew skritturi wara li gew ffurmati, inekella billi ziedet jew biddlet klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, li dawk l-atti jew skritturi kellhom fihom jew kellhom jippruvaw.**

**Akkuzata wkoll talli fl-istess zminijiet u cirkostanzi f'dawn il-gzejjer, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement kull mod li jkun indahlet sabiex tbieghhom jew tmexxiehom u cioe cheque book mahrug mill-HSBC mahrug f'isem Kevin u Maria Francesca Scicluna minn Haz Zabbar, u liema cheque book kien gie misruq mill-vettura ta' l-imsemmija Maria Francesca Scicluna nhar it-8 ta' Gunju 2004.**

**Il-Qorti rat l-atti kollha tal-process inkluz il-kunsens ta' l-Avukat Generali ta' l-4 ta' Settembru 2004, il-kunsens ta' l-imputata biex il-proceduri jkunu sommarji fl-4 ta' Frar 2005, l-amissjoni ta' l-imputata registrata fl-4 ta' Frar 2005 liema ammissjoni kienet konfermata mill-**

**imputata wara li nghatat zmien biezzejjed biex tirrifletti.**

**Semghet lill-prosekuzzjoni tghid li l-flus li ttiehdu kienu nghataw lura lill-persuni koncernati u li dawn ta' l-ahhar lanqas biss rapport ta'reat ma kienu ghamlu.**

**Ikkunsidrat.**

**Li stante l-ammissjoni ta' l-imputat, l-imputazzjonijiet huma pruvati skond il-ligi.**

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikolu 18, 308, 309, 183, 334 (c) tal-Kap 9 ssib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontriha izda flok tikkundannaha qed tpoggiha taht il-harsien ta' Probation Officer mahtur mid-Direttur tal-Probation Services ghal perjodu ta' tliet snin mill-lum. Il-Qorti spjegat l-artikolu 7 tal-Kap 446 lill-imputata fi kliem semplici.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------